MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 539/2010

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Glynn Charles (K.I. 364363M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ elfejn, mija u wiehed u tlettin ewro w tmienja u disghin centezmu (€2,131.98) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni numru 21636768 skont diversi kontijiet mibghuta lilu w skont kif jirrizulta mid-dokument anness mat-talba mmarkata Dok A.

Illi l-konvenut nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza .

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra li l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-11 ta’ Ottubru, 2010 mill-Prokuratur Legali Noel Scerri u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------